UNJONI EWROPEA

Kumitat tar-Reġjuni

# Rapport ta' monitoraġġ tar-REKT 2014
# L-Implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020

## Sommarju Eżekuttiv

**Dan is-Sommarju Eżekuttiv inkiteb mis-Segretarjat Ġenerali tal-Unità E2 tal-KtR, u huwa bbażat fuq l-istudju "Rapport ta' Monitoraġġ tar-REKT 2014 – L-Implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020" miktub minn Metis GmbH (Jürgen Pucher u Stefanie Zöchmann).**

Aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea u l-Kumitat tar-Reġjuni hija disponibbli elettronikament fuq http://www.europa.eu u http://www.cor.europa.eu. rispettivament.

L-istudju sħiħ "Rapport ta' Monitoraġġ tar-REKT 2014 – L-Implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020" huwa disponibbli bl-Ingliż fuq:
http://cor.europa.eu/en/documentation/studies/Pages/studies.aspx

© Unjoni Ewropea, 2015
Riproduzzjoni parzjali hija permessa, sakemm is-sors ikun imsemmi espliċitament.

# Sommarju Eżekuttiv

Il-Kumitat tar-Reġjuni regolarment jippubblika rapport ta' monitoraġġ dwar l-iżvilupp tar-Raggruppamenti Ewropej ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT). Ir-rapport preżenti janalizza l-aħħar żviluppi mill-2014 u mill-aħħar tal-2013, li jipprovdi ħarsa ġenerali tal-istat attwali tar-REKT kollha.

Sa tmiem l-2014, ġew stabbiliti 50 REKT b'kollox, li jinkludu aktar minn 800 awtorità nazzjonali, lokali u reġjonali minn 20 Stat Membru differenti. 18-il Raggruppament ieħor kienu fil-proċess.

## Implimentazzjoni nazzjonali

Ir-Regolament tar-REKT emendat ġie adottat fis-17 ta' Diċembru 2013 u beda japplika mit-22 ta' Ġunju 2014. Id-data tal-iskadenza biex l-Istati Membri jimplimentaw ir-Regolament kienet it-22 ta' Ġunju 2014. Matul l-2014, ir-REKT u l-Istati Membri ddiskutew l-implimentazzjoni tar-Regolament[1], flimkien mal-punti speċifiċi li jinsabu fil-Politika ta' Koeżjoni ġdida li huma rilevanti għar-REKT.

Dan il-proċess għadu għaddej. Sal-lum, il-KtR identifika d-Digriet Irjali Spanjol 23/2015 tat-23 ta' Jannar. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet emendati Ungeriżi u Slovakki daħlu fis-seħħ fl-20 ta' Diċembru 2014 u l-1 ta' Marzu 2015 rispettivament. Fl-Istat Federali tal-Awstrija, il-"*Länder*" Burgenland, Kärnten, Salzburg u Tirol emendaw il-leġislazzjoni tagħhom biex tikkonforma mar-regolament rivedut tar-REKT bejn Ottubru 2014 u Frar 2015. Fil-Lussemburgu twettqet verifika biex jiġi stabbilit jekk il-leġislazzjoni attwali għandhiex tiġi emendata. Uffiċjali kkonkludew li ma kien hemm bżonn li jsir ebda tibdil.

L-Istati Membri l-oħra kollha m'emendawx il-leġislazzjoni tagħhom sal-aħħar ta' Marzu 2015. Huwa possibbli li dawn ma identifikawx il-ħtieġa li tiġi emendata l-leġislazzjoni attwali.

Il-Kummissjoni Ewropea m'adottatx l-att delegat previst skont l-Artikolu 17 u 17(a) tar-Regolament.

[1] Regolament (UE) Nru 1302/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1082/2006 dwar raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (REKT) fir-rigward tal-kjarifika, is-simplifikazzjoni u t-titjib għat-twaqqif u l-funzjonament ta' tali raggruppamenti. Ir-Regolament tar-REKT rivedut għandu japplika mit-22 ta' Ġunju 2014.

# Ħarsa ġenerali tal-istatus tar-REKT

Inħolqu 8 REKT bejn tmiem l-2013 u tmiem l-2014. 4 REKT stabbiliti riċentement ikopru territorji fl-Ungerija u fis-Slovakkja, kif ukoll fil-Polonja u fl-Iżvezja. Raggruppament wieħed stabbilixxa kuritur tat-trasport ċentrali Ewropew u r-Rumanija ġiet inkluża fir-REKT tal-Bini ta' Futur Komuni Ewropew (li ġie stabbilit fl-2012 iżda ma tax notifika qabel). Awtoritajiet – partikolarment dawk minn Spanja u Franza – kienu involuti f'4 REKT ġodda.

***REKT stabbiliti fl-2014 jew tard fl-2013***

| # | Isem | Pajjiżi | Kostituzzjoni |
|---|---|---|---|
| 1 | Torysa EGTC | HU, SK | 09/10/2013 |
| 2 | Svinka EGTC | HU, SK | 09/10/2013 |
| 3 | GETC Alzette Belval | FR, LU | 13/02/2012 |
| 4 | AEuCC Cities of Ceramics, AECT limitada | ES, FR, IT, RO | 07/01/2014 |
| 5 | European Common Future Building EGTC | HU, RO | 17/10/2012 |
| 6 | Central European Transport Corridor EGTC Ltd. | PL, HU, SV | 24/03/2014 |
| 7 | Huesca Pirineos – Hautes Pyrénées (HP-HP) | ES, FR | 11/11/2014 |
| 8 | AECT Faja Pirítica Ibérica | ES, PT | 14/10/2014 |

Ir-rapport janalizza wkoll l-istatus tal-41 REKT li ġew stabbiliti qabel Ottubru 2013 u jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar indikaturi ewlenin bħal korpi, proġetti u membri.

Skont informazjoni mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin Ungeriż ir-REKT Karst Bodva jista' jiġi kkombinat ma' REKT ieħor mir-reġjun u b'hekk jiġi xolt. Ir-REKT Sajó–Rima huwa rappurtat li waqqaf ix-xogħol u għalhekk għandu jiġi xolt dalwaqt.

# Ir-raggruppamenti fil-qosor – l-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020 u l-Politika ta' Koeżjoni l-ġdida

L-2014 tispikka għaliex il-fondi allokati taħt il-programm tal-2007-2013 diġà kienu allokati u l-programmi għall-perjodu l-ġdid kienu għadhom ma bdewx. Għalhekk jista' jitqies bħala perjodu ta' tranżizzjoni diffiċli għal dawk ir-REKT li ma jistgħux joperaw biss fuq il-bażi tal-miżati tas-sħubija tagħhom.

Fir-rigward tat-tendenzi ġeografiċi, kompla l-iżvilupp dinamiku madwar l-Ungerija. Twaqqfu 3 raggruppamenti ġodda, bl-intenzjoni li jitkabbru aktar.

Fl-aħħar sentejn, bosta raggruppamenti jew irrapportaw tkabbir ta' suċċess jew stabbilixxu pjani speċifiċi biex jieħdu sħab ġodda abbord. 3 REKT kabbru t-territorji tagħhom u 7 għandhom pjani speċifiċi biex ikabbru – dan il-proċess għadu għaddej (żewġ pjani bħal dawn jinvolvu l-Istat Membru l-ġdid, il-Kroazja).

Fit-termini tat-twaqqif ta' assoċjazzjonijiet, kien hemm xi rapporti interessanti ta' REKT imwaqqfa għal skopijiet speċifiċi. Assoċjazzjonijiet nazzjonali ta' bliet bi tradizzjoni fl-arti taċ-ċeramika u fis-snajja' waqqfu l-AEuCC. Bl-istess mod, l-awtoritajiet dwar il-parks nazzjonali u l-ambjent huma responsabbli għal żewġ REKT marittimi, iffurmati bejn sħab Franċiżi u Taljani. Ir-REKT Grande Région – li jaġixxi bħala awtorità maniġerjali għall-programm tal-ETC multilaterali transkonfinali – mhux se jieħu f'idejh dan ir-rwol matul il-perjodu l-ġdid (2014-2020), għalkemm jista' jiġi stabbilit REKT ġdid.

Il-miżati ta' sħubija regolari huma komponent essenzjali u stabbli tal-baġit ta' REKT. Il-baġit annwali aggregat attwali li joriġina minn miżati ta' sħubija huwa stmat madwar **€12-il miljun** għall-50 REKT. L-Isptar ta' Cerdanya –li huwa bil-bosta l-akbar baġit– iżid madwar €20 miljun, li jirrappreżenta l-ispiża tal-operat annwali tiegħu.

Il-volum totali tal-proġetti tal-UE implimentati mir-REKT li a) tmexxew matul l-2014, b) intemmu fl-2014 jew c) huma bħalissa fl-istadju finali tal-implimentazzjoni jammonta għal madwar **€60 miljun**. Il-proġetti tal-ETC huma sors vitali ta' dħul prattikament għar-REKT kollha: Fl-2014, total ta' **18 minn 49 raggruppament** komplew proġetti li kienu għadhom għaddejjin mill-programmi tal-2007-2013: b'kollox **44 proġett** huma rrapportati li għadhom qed jiġu implimentati.

Madwar 27 mill-50 REKT jirrappurtaw li għandhom persunal u fil-maġġoranza tal-każijiet il-ħaddiema huma impjegati direttament mir-REKT. Skont iċ-ċifri pprovduti huwa possibbli li jiġi stmat li sal-aħħar tal-2014, madwar **130 persuna** madwar l-UE ħadmu għal REKT fuq bażi regolari.

## REKT li qed jippreparaw għall-perjodu ta' finanzjament ġdid 2014-2020

Ir-REKT Espacio Portalet biss irrapporta li kien involut fil-proċess tat-twaqqif u tal-iżvilupp tal-Ftehim ta' Sħubija – il-qafas globali għall-programmi kollha tal-FSIE fil-livell nazzjonali.

Ir-REKT kienu involuti aktar mill-qrib u b'mod attiv fil-proċess ta' programmazzjoni għall-programmi ETC. Ir-REKT kienu l-aktar ta' spiss involuti billi jieħdu sehem fil-Kumitat ta' Programmazzjoni jew billi jkunu ġew ikkonsultati; madwar terz tar-REKT kollha li wieġbu (11 minn 34) kienu involuti b'dan il-mod.

Għal bosta raggruppamenti, il-preparazzjoni ta' programmi ġodda huwa żmien ideali biex jikkunsidraw mill-ġdid is-sisien strateġiċi tagħhom: 9 minn 34 REKT indikaw li biħsiebhom ibiddlu l-profil jew il-portafoll tagħhom fuq medda qasira taż-żmien.

7 minn 34 raggruppament indikaw li biħsiebhom jiffokaw fuq il-prijoritajiet speċifiċi tal-investiment matul il-perjodu l-ġdid.

Fir-rigward tal-involviment tagħhom fil-programm il-ġdid, il-punt fokali prattiku ċar għar-REKT huwa l-ġestjoni ta' Fondi ta' Proġetti Żgħar jew arranġamenti komparabbli għall-ġestjoni ta' attivitajiet żgħar. B'kollox, 15-il raggruppament minn 34 irrappurtaw a) li effettivament ikunu inkarigati minn ġestjoni SPF futura, b) l-intenzjoni li jagħmlu hekk, jew c) tentattiv bla suċċess biex jissodisfaw dan ir-rwol. 9 minn dawn il-15-il raggruppament huma attwalment inkarigati minn Fondi ta' Proġetti Żgħar futuri.

Fir-rigward tal-istrumenti ġodda, jiġifieri L-Iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità (CLLD), l-Investiment Territorjali Integrat (ITI) u l-Pjan ta' Azzjoni Konġunt (JAP) – l-ebda minn dawn l-għażliet ma ġew applikati fil-programmi tal-ETC.

## RKTE fil-proċess

Skont l-informazzjoni tagħna, 18-il REKT kienu fil-proċess li jiġu stabbiliti fit-tmiem tal-2014. Minbarra l-ESPON, ma kienx possibbli li jinsabu proġetti u ideat ġodda li għadhom ma ġewx identifikati. Dan ir-REKT s'issa jaġixxi bħala benefiċjarju wieħed, li jimplimenta l-kontenut tal-PO fuq il-bażi ta' ftehim ta' għotja.

Ir-Regio Pamina Eurodistrict u l-Euroregions Neiße-Nisa u Grand Genève żdiedu reċentement mat-taqsima "REKT fil-preparazzjoni". Fit-taqsima "Ideat", ir-REKT Novum, il-Federazzjoni tal-Gżejjer Żgħar Ewropej (ESIN) u r-REKT Saint Martin-Sint Maarten – li jinvolvu żewġ Pajjiżi u Territorji Ekstra-Ewropej (OCTs) – żdiedu mal-lista.